**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 11/25**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tlieta, 28 ta' Ottubru 2025 |
| **Ħin:** | 5:51pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

**Preżenti**
Joan Agius - Sindku
Raymond Caruana - Viċi-Sindku (Mis-6:05pm)
Enya Abela - Kunsilliera
Christian Attard - Kunsillier
Anthony Aquilina - Kunsillier (Online)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Roderick Caruana - Kunsillier (Skużat)
Ivan Giardina - Kunsillier
Luke Doublet - Kunsillier (Skużat)
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

**11.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**11.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**
**11.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**
**11.04** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**
**11.05** ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**
**11.06** **Żejt iż-Żejtun;**
**11.07** **Misraħ Santa Marija;**
**11.08** **Triq Sir Paul Boffa;**
**11.09** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**
**11.10** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
**11.11** **Mozzjonijiet; u**
**11.12** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**11. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq tlett ittri ta' aploġija mingħand Doublet, Caruana u Camilleri minħabba raġunijiet personali, xogħol u mard. | Segretarju Eżekuttiv |

**11. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Attard<br>Sekondant: Giardina | Il-Minuti 10/25 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il- korrezzjonijiet. | |
| 11. **2.** 1 | 10.03.12 | Abela | Tiġi Sindku minflok Abela. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**11. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 2 2 | 10.02.13 | Giardina: End of School Party | Giardina ikkonferma li t-trophies ser ikun qed jisponsorjahom f'event oħra. | Giardina |
| 11. 2 3 | 10.03.02 | Sindku: Birzeit | Is-Sindku qalet li dawn baqgħu ma kellmuniex lura u għalhekk ma kinux mistiedna għal Żejt iż-Żejtun. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 2 | 4 | 10.03.03 | Aquilina: Tiżjin tal-Milied | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li t-tender ħareġ u qiegħed għal aġġidukazzjoni. | |
| 11. | 2 | 5 | 10.03.04 | Sindku: Fond Mill-Pjazza għall-Pjazza | Is-Sindku qalet li din it-talba ġiet aċċettata. | Sindku |
| 11. | 2 | 6 | 10.03.07 | Sindku: *Bulky Refuse* | Is-Sindku qalet li għadu qed ikollna problemi. Ser naraw kif tista' tissolva. Issemma l-fatt li ħafna nies qed jabbużaw mis-servizz billi joħorġu iktar affarijiet milli għamlu t-talba għalihom. | Sindku |
| 11. | 2 | 7 | 10.03.09 | Sindku: Pilates by Chair u Line Dancing | Is-Sindku qalet li għal Pilates talbuna ġurnata pero' l-Gym ma jkunx disponibbli u ma jistax isir. Il-*line dancing* għadna qed naraw meta jista' jsir. | Sindku |
| 11. | 2 | 8 | 10.03.10 | Sindku: Knis ta' toroq u lattrini pubbliċi | Is-Sindku qalet li bħalissa għaddejjien diskussjonijiet mal-Cleansing Department sabiex is-servizz jibda jingħata minnhom. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 11. | 2 | 9 | 10.03.12 | Abela: Problema tal-ġrieden | Abela staqsiet għax għad hemm problema fi Triq Sciortino. Is-Sindku qalet li resident privat qala' l-katusi u ħoloq din il-problema. Ser inkunu qed nitkellmu mad-Divizzjoni tas-Sanita' dwar dan. | Sindku |
| 11. | 2 | 10 | 10.03.16 | Sindku: Inawgurazzjoni tal-Bust tas-Sur Joe Attard | Is-Sindku qalet li din l-inawgurazzjoni saret u kienet tislima lis-Sur Attard mill-isbaħ. Irringrazzjat lil dawk kollha li attendew u taw sehmhom biex tkun suċċess. Qalet li ser isiru erbgħa bollards u katina mad-dawra. | Sindku |
| 11. | 2 | 11 | 10.03.17 | Sindku: Ibins Triq il-Fieres | Is-Sindku resqet għad-diskussjoni dwar il-problema u l-ispiża jekk jiġu nstallati l-kameras fi Triq il-Fieres. Kien hemm qbil li jekk m'aħniex marbutin bil-kuntratt dawn jiġu mneħħija. | Sindku |
| 11. | 2 | 12 | 10.03.18 | Sindku: Ġnien Brejġu | Is-Sindku qalet li beda x-xogħol fuq l-art tar-rubber. It-TZRA (Tourism Zones Regeneration Agency) - sezzjoni ġewwa TM ser tkun qed tagħmel xogħol ta' żebgħa fuq il-ħitan tal-istess ġnien. Il-quddiem ser ikomplu b'xogħol ieħor fuq bankijiet u li jkun hemm bżonn. | Sindku |
| 11. | 2 | 13 | 10.03.19 | Sindku: Impjegat assenjat ġdid | Is-Sindku qalet li bħala xogħol sejjer tajjeb ħafna. | Sindku |
| 11. | 2 | 14 | 10.03.20 | Attard: Triq San Girgor | Attard qal li s-Sindku u hu kellhom laqgħa mal-kuntrattur V & C Contractors fejn ġie diskuss id-devjazzjoni tat-traffiku meta jibda x-xogħol. Dwar dan kienet diġa' saret konsultazzjoni mal-kunsilliera f'laqgħa separata u kien hemm qbil. | Sindku / Attard |
| 11. | 2 | 15 | 10.03.21 | Sindku: Van | Is-Sindku qalet li s-servizz qabad u sejjer tajjeb ħafna. Il-quddiem ser inkomplu nifirxu fuq destinazzjonijiet oħra. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 2 | 16 | 10.05.03 | Sindku: Bust fi Ġnien l-Għannejja Żwieten | Is-Sindku qalet li tkellimna mal-perit u ser ikun qed jiġi mċaqlaq fil-post fejn suppost twaħħal. Miegħu se naraw il-busti l-oħrajn sabiex jitmexxew fl-istess ġnien. | Sindku |
| 11. | 2 | 17 | 10.05.08 | Viċi-Sindku: Drenaġġ f'Ħajt il-Wied | Il-Viċi-Sindku qal li nfurmat li ser jitkompla x-xogħol u staqsa tistax issir pressjoni biex jiġi rranġat id-drenaġġ u tissolva l-problema. | Viċi-Sindku |
| 11. | 2 | 18 | 10.05.09 | Sindku: *Car wash* | Is-Sindku staqsiet jekk din saritx u Giardina ikkonferma li din ma saritx. | Sindku |
| 11. | 2 | 19 | 10.07.01 | Sindku: Triq il-Qadi | Is-Sindku qalet li x-xogħol ta' tarmak issa huwa lest. Ser ikunu qed isiru l-linji. Abela qalet li f'din it-triq għandha ssir zebra crossing peress li hija perikoluża biex taqsam. Issemma l-punt li trid terġa' titqatta t-triq u se naraw hemmx soluzzjoni ta' bożoż bil-pannelli minflok. | Sindku |

**11 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML11/25. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 3 | 1 | | Sindku: No Entry signs | Is-Sindku qalet li ser isiru no entry signs sabiex minn wara l-knisja ma jgħaddux muturi mill-parti d-dejqa taz-zuntier fuq wara tal-knisja. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. | Sindku |
| 11 | 3 | 2 | | Sindku: Proġett Bellus | Is-Sindku qalet li x-xogħol miexi u kif isiru l-bankini jiġi nstallat id-dawl. | Sindku |
| 11 | 3 | 3 | | Sindku: Permessi mal-pulizija | Is-Sindku qalet li qed ikollna ħafna problemi mal-pulizija speċjalment fuq attivitajiet ta' darba peress li qed tkun diffiċli biex jitneħħew il-karozzi. Qalet li f-Żejt iż-Żejtun ħdimna tajjeb ħafna magħhom u ma jidirx li kien hemm problemi. | Sindku |
| 11 | 3 | 4 | | Sindku: Ġnien Brejġu | Is-Sindku qalet li ħdimna sabiex mad-dawra tal-ġnien IM tagħti kisja tarmak u hekk il-proġett ikun komplut bil-bankini wkoll. Din ġiet aċċettata u ser issir. | Sindku |
| 11 | 3 | 5 | | Sindku: Xogħlijiet minn WSC | Is-Sindku qalet li t-Tnejn li ġej ser jibdew ix-xogħlijiet fi Triq Santa Katarina u saret laqgħa sabiex jiġi diskuss d-devjazzjoni tat-traffiku. Hemm il-pjan li dan jitlesta qabel il-Milied. Dwar dan kienet diġa' saret konsultazzjoni mal-kunsilliera f'laqgħa separata u kien hemm qbil. | Sindku |
| 11 | 3 | 6 | | Sindku: Triq il-Labour | Is-Sindku qalert li qed isir ittestjar fil-blat għax taħt din it-triq ser titħaffer mina sabiex tissolva l-problema tad-drenaġġ. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 3 | 7 | | Sindku: Fanali dekorattivi | Is-Sindku qalet li hemm bżonn li jsir ir-restawr tal-fanali dekorattivi taz-zuntier. Ser niġbru stimi u dawn ser jiġu finanzjati mit-TZRA. Ser ikunu qed jaħdmu wkoll fuq ir-restawr tal-bankijiet ta' wara l-knisja u restawr tat-*telephone box* li hemm fejn l-għassa. | Sindku |
| 11 | 3 | 8 | | Sindku: Bus Shelters | Is-Sindku qalet li Attard ħadem fuq id-DNO's u sab li kienu saru fi żmien l-amministrazzjoni ta' qabel u ser inkunu qed niċċekjaw ma' Faces fejn wasal il-proċess biex nimxu 'l quddiem. | Sindku |
| 11 | 3 | 9 | | Sindku: Triq Xejba | Is-Sindku qalet li ser isir it-tarmak u fil-parti d-dejqa ser issir bil-pavimentar. Dan ix-xogħol ser isir minn IM. | Sindku |
| 11 | 3 | 10 | | Sindku: Ikla u riċeviment | Saret diskussjoni u sar qbil li l-ikla ssir fil-11 ta' Diċembru u r-riċeviment isir fis-16 ta' Diċembru. | Sindku |
| 11 | 3 | 11 | 10.03.13 | Aquilina: Żjara fil-Portugall | Aquilina qal li waqt din il-konferenza Holy Week morna tajjeb ħafna. Ġie murija l-presentazzjoni dwar iż-Żejtun mis-Sur Aquilina. Bħalissa qed jiġi mħejji l-ktieb mill-Iskola Primarja B kif ukoll il-brochure. Hemm ċans li din il-konferenza issir f'Malta sentejn oħra wara proposta li saret. | Aquilina |
| 11 | 3 | 12 | 10.05.05 | Aquilina: Triq Luqa Briffa | Aquilina staqsa fiex wasalna dwar din il-proposta. Ser nerġgħu niċċekjaw ma' TM għax bqajna bla risposta. | Sindku |
| 11 | 3 | 13 | 10.11.01 | Aquilina: Karnival | Aquilina qal li għaddejjien il-preparamenti għal din l-attivita'. Qed jitkellem mal-iskejjel sabiex jiġu nvoluti u jsiru *workshops* dwar kif isiru l-karrijiet sabiex ikunu jistgħu jaħdmu karru huma wkoll. | Aquilina |
| 11 | 3 | 14 | | Sindku: Fond tal-LESA | Is-Sindku qalet li hemm fond tal-LESA u se naraw kif nistgħu nibbenefikaw minnu. | Sindku |
| 11 | 3 | 15 | | Sindku: Inawgurazzjoni tal-proġett tisbiħ fi Vjal il-25 ta' Novembru | Is-Sindku qalet li saret l-inawgurazzjoni fis-7 t'Ottubru tat-tisbiħ u l-mixgħela tad-dawl fid-daħla tal-Vjal 25 ta' Novembru mill-Onor. Ministru Bonett u Steve CEO ta' IM Ellul. | Sindku |
| 11 | 3 | 16 | | Sindku: Inawgurazzjoni tar-restawr tal-Kappella ta' Santa Marija | Is-Sindku qalet li fit-8 t'Ottubru saret l-inawgurazzjoni tar-restawr tal-Kappella ta' Santa Marija. | Sindku |

**11. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 4 | 1 | | Sindku: Depożiti Żejt iż-Żejtun | Is-Sindku qalet li d-depożiti tal-stalls jistgħu jingħataw lura wara li jidher li ma kinx hemm problemi. | Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 4 | 2 | | Attard: Triq l-Aħħar Ħbit tat-Torok | Attard qal li kellu esperjenza fejn xufier għadda bil-karozza mit-trakka tal-mixi u roti. Qal li hemm bonn isiru bollards biex jingħalaq l-aċċess kompletament għall-karozzi. | Attard |
| 11. | 4 | 3 | | Viċi-Sindku: Belishia lights | Il-Viċi-Sindku ġibed l-attenzjoni li hemm d-dawl mitfi tal-belishia fi Triq Alfred Cachia Zammit. | |
| 11. | 4 | 4 | | Attard: Pelican lights | Attard ressaq proposta quddiem il-Kunsill sabiex quddiem Dar it-Tagħlim isiru *pelican lights* minflok belishia kif hemm bħalissa. Kien hemm qbil dwar dan u ser issir it-talba lil TM. | Attard |
| 11. | 4 | 5 | | Giardina: Periklu fi Triq il-Pres. Anton Buttigieg | Giardina qal li ma nistgħux nistennew iktar sabiex din it-triq issir iktar sikura. Talab li ningħataw spjegazzjoni ta' x'ser isir u meta. | Giardina. |
| **11.** | **5.** | | | **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 11. | 5 | 1 | 10.05.04 | Giardina: Qtugħ ta' siġar | Giardina qal li dawn it-tlett siġriet mejta ma nqatgħux minħabba xogħol ieħor. Ser isiru dalwaqt. | Giardina |
| 11 | 5 | 2 | | Aquilina: Lapida | Aquilina qal li fuq proposta ta' Attard ser nippruvaw li l-lapida tar-Repubblika li tinsab wara l-knisja titmexxa mal-faċċata tal-BOV. Talab lil istess BOV sabiex jiffinnazja r-restwar tagħha kif ukoll tal-Lapida li tfakkar · il 200 sena mill-għoti ta' titlu ta' Belt. | Aquilina |
| 11 | 5 | 3 | | Aquilina: Letter Box fi Triq San Girgor | Aquilina qal li ser ikun qed jikteb lill-Maltapost sabiex isir restawr tal-*letter box* ta' żmien l-Ingliżi li hija protetta. | Aquilina |
| 11 | 5 | 4 | | Aquilina: Ġnien Dun Victor Grech | Aquilina staqsa jekk hux ser jissemma. Ser inkunu qed niċċekjaw hux privat. | Attard |
| 11 | 5 | 5 | | Aquilina: Berġa | Aquilina staqsa jekk il-Berġa tistax tintuża aħjar u jiġu offruti iktar servizzi. Is-Sindku qalet li hi wkoll tixtieq li s-servizz jiġi mtejjeb anke fejn jidħol għoti ta' demm u t-tilqim tal-influwenza. Abela qalet li hi ser tkun qed tkompli taħdem fuq dan. | Abela |
| 11 | 5 | 6 | | Segretarju Eżekuttiv: Korsijiet tal-Health and Safety u First Aid. | Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li ser ikun qed jiġu organizzati korsijiet għall-ħaddiema kollha u kull min hu nteressat mill· kunsilliera għandu jinfurmah. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11 | 5 | 7 | | Abela: Dokumenti fuq il-website | Abela staqsiet għalfejn id-dokumenti bħal minuti, skedi etc mhumiex jitilgħu fuq is-sit tal-kunsill. Ġie spjegat li dawn id-dokumenti qed jiġu mtellgħa fuq is-sit tad-dipartiment u se naraw li ssir link għalihom. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 11 5 8 | | Viċi-Sindku: Triq Sant'Anġ | Il-Viċi-Sindku ressaq proposta sabiex fi żmien il-festa Triq Sant' Anġ tiġi bil-kontra minħabba r-residenti. Dwar dan trid isir iktar diskussjoni. | Viċi-Sindku |
| 11 5 9 | | Abela: Triq Luqa Briffa | Abela qalet li għandu jissaħħah l-infurzar sabiex waqt il-ħin tal-iskola ma jgħaddux karozzi. Dan minħabba li issa ser ikunu qed jaffettwaw ix-xogħol fi Triq Santa Katarina. | Sindku |
| 11 5 10 | | Abela: Problema tad-drenaġġ fi Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill | Abela reġgħat qajmet il-problema ta' ħruġ ta' drenaġġ f'din it-triq. Is-Sindku qalet li pruvaw jaraw minn fejn ġejja l-problema pero' s'issa ma nstabx minn fejn. Ser inkunu qed inqajjmu din il-kwistjoni mal-WSC. | Sindku |
| 11 5 11 | | Tender: Dawl tal-Milied | Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li ġie sottomess tender wieħed ta' €18,500 mingħand D Street Lighting għal sena waħda hekk kif mitlub fuq it-tender. Wara diskussjoni ġie maqbul li naraw nistgħux ninnegozjaw dan l-ammont għal €15,000. Ser inkunu qed nikkomunikaw dan mal-kuntrattur. Is-Sindku li għal dis-sena ordnajna siġra ta' vera għal fejn iz-zuntier. | Segretarju Eżekuttiv |
| **11. 6.** | | **Żejt iż-Żejtun;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 11. 6. 1 | | Permess - Rex Bar | Is-Sindku qalet li s-sid tar-Rex Bar ġie l-Kunsill b'ilment sabiex jieħu lura l-flus tal-permess, peress li hu ma ramax fl-attivita'. Hu qal li kien diġa' nforma l-Viċi-Sindku pero' din it-talba qatt ma waslet il-Kunsill. Sar qbil li dan għandu jagħmel it-talba bil-miktub u tiġi deċiża fil-laqgħa li jmiss. | Sindku |
| 11. 6. 2 | | Sindku: Żejt iż-Żejtun | Is-Sindku qalet li din is-sena għalkemm saret f'Ottubru l-attivita' kienet suċċess u rringrazzjat lil dawk kollha li attendew kif ukoll lil dawk kollha li għinu fil-preparazzjoni tal-attivita'. Kien hemm diskussjoni u qbil unanimu li din tibqa' tiġi organizzata fl-aħħar weekend t'Ottubru. | Sindku |
| 11. 6. 3 | | Sindku: Depożiti Żejt iż-Żejtun | Is-Sindku qalet li d-depożiti tal-stalls jistgħu jingħataw lura wara li jidher li ma kinx hemm problemi. | Segretarju Eżekuttiv |
| **11. 7.** | | ***Misraħ Santa Marija;*** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 11 7 1 | 10.06.01 | Sindku | Is-Sindku qalet li x-xogħol minn IM miexi b'ritmu tajjeb ħafna, instab il-ġibjun, ser issir pompa l-antika bħal ma kien hemm fiż-żona fl-antik. Hemm siġar taċ-ċitru li jridu jiġu rilokati. Aquilina ħareġ bl-idea li ssir wirja fil-Kappella b'ritratti ta' nies li kienu jgħixu f'din iż-żona peress li għandha storja antika. | Sindku / Aquilina |

**11. 8.** **Triq Sir Paul Boffa;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 8. 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li kien ser isir *intensive patching* pero' tlabna sabiex isir bit-tarmak u ser jibqgħu sejrin minn Triq Emanuel Cannataci, Triq Ħal Biżbut sa Triq Sir Paul Boffa wkoll. | Sindku / Attard |

**11. 9.** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 9. 1 | | Aquilina: Kunċert tal-Milied | Aquilina qal li għaddej ix-xogħol fuq dan il-kunċert. | |
| 11. 9. 2 | | Aquilina: Banda tal-Kunsill | Aquilina qal li fit-12 u s-17 ta' Diċembru ser jipprova jgħaqqad 22 bandist miż-żewġ soċjetajiet żwieten sabiex isiru għanjiet tal-Milied madwar it-toroq. | Aquilina |
| 11. 9. 3 | | Abela: Maratona 5k | Abela informat lill-kunsill li hemm il-ħsieb li ssir maratona 5k. Qed isir ix-xogħol fuq din l-attivita'. Iktar dettalji 'l quddiem | Abela |
| 11. 9. 4 | | Abela: Mobile Unit Cancer Research | Qalet li ser ikunu qed jiġu ż-Żejtun fis-26 ta' Novembru sabiex isiru testijiet b'xejn. | Abela |
| 11. 9. 5 | | Sindku: Festa San Martin | Is-Sindku issuġeriet li tibda tiġi organizzata Festa San Martin fejn nil-Kappella ta' San Martin. Kien hemm qbil dwar dan. | Sindku |
| 11. 9. 6 | | Abela: Għoti tad-demm | Abela qalet li l-bank tad-demm ser jerġa jkun iż-Żejtun fit-30 ta' Novembru. | Abela |
| 11. 9. 7 | | Sindku: Pantomima | Is-Sindku qalet li l-Pantomima minn 4Jays ser tittella' bejn is-26 u t-30 ta' Diċembru. | Sindku |
| 11. 9. 8 | | Sindku: Halloween | Is-Sindku qalet li għaddejjien bit-tħejjijiet għall-attivita' tal-Halloween li ser issir fit-30 ta' Ottubru fit-triq u l-bini tal-Kunsill Lokali | Sindku / Camilleri |

**12.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 0. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 11/25 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| | | Talbiet għal Xiri Seduta 11/25 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | *Petty Cash* - Settembru 2025 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Settembru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €163.69 | Segretarju Eżekuttiv |

**11 11 Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 11 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet mressqa. | |

**11 12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9:20pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn,17 ta' Novembru 2025 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Joan Agius | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |